MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Appell Civili Numru. 738/2000/1

**Mizzi Limited**

**vs**

**Michael Debono**

Il-Qorti:

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-24 ta' April 2001 li minnha gie interpost appell u li taqra hekk:

"Il-Qorti:

Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socejta' attrici sejhet lill-konvenut Michael Debono quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u hamsin liri Maltin, (LM950.00,0), ammont dovut

peress li rrizenja mill-impieg tieghu mas-socjeta' attrici u dan skond ftehim maghmul bejnu u l-mittenti datat 7 ta' Frar, 1997 in konnessjoni ma' "sponsorship" ta' studji tieghu, (ara Dok. "A" sa Dok. "D");

2. Bl-imghaxijiet minn notifika tal-ittra ufficjali tal-10 t'Awissu, 1999 u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-18 ta' Lulju tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi fir-realta' kienet is-socjeta' attrici illi imbarkat fuq process ta "reorganisation" u kienet effettivament irrendiet il-pozizzjoni tal-eccipjent mal-istess socjeta' attrici bhala "redundant", u b'mod illi allura l-eccipjent kellu jfittex u jottjeni xoghol alternattiv;

2. Illi ghaldaqstant l-eccipjent mhuwiex obbligat skond il-ligi li jhallas lis-socjeta' attrici l-ammont minnha reklamat;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta' attrici bhala "financial controller";

2. Illi tul il-kors tal-impjieg tieghu ma l-imsemmija socjeta', il-konvenut inghata l-opportunita' javvanza fl-istudji tieghu billi l-istess socjeta' issussidjatu fl-istudju tieghu tal-"Hanley MBA" skond il-kondizzjonijiet

liberament pattwiti mill-partijiet riprodotti fl-atti ta’ din il-procedura a fol 2, datati s-7 ta’ Frar ta’ l-1997;

3. Illi permezz ta’ ittra datata t-28 t’Ottubru ta’ l-1998 il-konvenut issottometta r-rizenja tieghu minn mas-socjeta’ attrici;

Ikkonsidrat:

Illi ai termini tal-kondizzjonijiet pattwiti fuq riferiti l-konvenut obbliga ruhu fost affarijiet ohra illi:

1. jkompli fl-impjieg tieghu mas-socjeta’ attrici jew ma’ xi socjeta’ ohra ta’ organizzazzjoni hemm indikata ghall-anqas ghall-perjodu ta’ sena mid-data li fiha jittermina l-kors;

2. illi jekk ma jkomplix il-kors jew jehel, il-flus imhallsa lill-konvenut mis-socjeta’ attrici kellhom jigu rifuzi lill-istess socjeta’;

3. illi jekk il-konvenut jitlaq mill-impjieg tieghu minn mas-socjeta’ attrici qabel ma jispicca l-kors jew wara l-konvenut intrabat li jirrifondi 50% ta’ l-isponsorship li rcieva u fil-perjodu ta’ sena ta’ ammortizzazzjoni din is-somma li riedet tigi rifuza kollha tigi kalkolata pro rata;

Ikkonsidrat:

Illi fil-perjodu ta’ zmien infraskritt is-socjeta’ attrici kienet ghaddejja minn ristrutturizzazzjoni izda l-konvenut kien assikurat li posthu kien ma’ l-istess socjeta’;

Illi minflok, il-konvenut ghazel li jfittex opportunitajiet ohra;

Ikkonsidrat:

Illi l-konvenut isostni li hu ha dan il-pass irrimeddjabbli peress li fil-perjodu ta’ transizzjoni azzjendali hu kien offrut dikasteru li effettivament kien ser inaqqasslu l-introjtu finanzjarju tieghu konsiderevolment;

Ikkonsidrat:

Illi din il-qorti tqis li l-kondizzjonijiet liberament pattwiti bejn il-partijiet kienu vinkolanti fuqhom;

Illi r-raguni ta’ telf fl-introjtu ipprospettat mill-konvenut hu ghal kollox irrilevanti ghall-vertenza in dizamina li tibqa’ regolata biss mill-kondizzjonijiet pattwiti u datati s-7 ta’ Frar ta’ l-1997;

Illi effettivament l-agir tal-konvenut ma kienx wiehed indikat u ghalhekk ghandu jbati l-konsegwenzi kif hu stess iffirma ghalihom fl-iskrittura privata fuq indikata;

Ghaldaqstant, filwaqt li tilqa’ t-talba attrici tikkundanna lill-konvenut Michael Debono ihallas lis-socjeta’ Mizzi Limited is-somma ta’ disa’ mija u hamsin Lira Maltin, (LM950.00,0), stante r-rizenja mill-impjieg tieghu mis-socjeta’ attrici biksur tal-ftehim de quo datat is-7 ta’ Frar ta’ l-1997 in konnessjoni ma’ “sponsorship” ta’ studji fuq riferit, bl-ispjjez u bl-imghaxijiet mitluba.”

Rat ir-rikors ta’ appell tal-konvenut li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza msemmija ta' l-24 ta' April 2001 u tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici appellata filwaqt illi takkolji l-eccezzjonjiet ta' l-appellant bl-ispejjez kollha kontra l-l-istess socjeta` attrici appellata;

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici appellata;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat illi:-

L-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti in sintezi f’dawn is-sottomissjonijiet:

Huwa kien impjegat mas-socjeta` attrici appellata bhala *financial controller*. Inghata *sponsorship* mill-istess socjeta` biex javvanza l-istudji tieghu ai termini tal-ftehim tas-7 ta' Frar 1997. Meta rritorna Malta s-socjeta` attrici appellata mbarkat fi process ta' riorganizzazzjoni b'mod li

ma kienx hemm aktar il-htiega ta' *financial controller*, izda saritlu offerta verbali ta' impjieg alternattiv ma' kumpanija ohra tal-Mizzi Group of Companies b'salarju ridott sakemm titlesta u tibda topera lukanda ta' l-istess grupp li maghha kellu jinghata l-istess pozizzjoni ta' *financial controller*. B'hekk is-socjeta` attrici appellata kisret il-ftehim imsemmi billi bidlet unilateralment il-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tieghu u ma taghtux ghazla ohra hlief li jfittex impjieg iehor.

Ikkunsidrat illi:-

L-Ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq il-ftehim datat 7 ta' Frar 1997 li permezz tieghu l-konvenut appellant accetta li *"by way of amortising the cost of the course, you are to complete one year of work within Mizzi Ltd. or any other Mizzi Organisation Company"*. M'hemm l-ebda dubju li bhalma qalet l-Ewwel Qorti, il-kondizzjonijiet miftehma skond l-imsemmi dokument, inkluz mela l-kondizzjoni li l-konvenut appellant jahdem ghal sena shiha mal-Mizzi Ltd. jew ma kwalunkwe kumpanija ohra tal-Mizzi Organisation, kienu vinkolanti fuq il-partijiet. Izda dak li l-Ewwel Qorti naqset milli tinvestiga kien jekk hawn kienx jezisti kaz ta' *constructive dismissal* da parti tas-socjeta` attrici appellata.

M'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li, qabel ma l-appellant baghat l-ittra tieghu ta' rizenja, il-post li huwa kien jokkupa bhala *Financial Controller* kien se jigi rez *redundant*. Dan jirrizulta mix-xiehda ta' Andrew Weavill, li kien impjegat bhala general manager mas-socjeta` Mizzi Ltd., mix-xiehda ta' Luke Coppini, group chief accountant fil-Mizzi Organisation, u mix-xiehda ta' l-appellant stess. Anzi jirrizulta wkoll mix-xiehda ta' l-appellant - u f'dan ma jinsabx kontradett - li f'Novembru 1998 (meta allura l-appellant kien diga` baghat l-ittra ta' rizenja tieghu u kien qieghed jahdem il-perijodu ta' *notice*) Andrew Weavill ghamel laqgha mal-kumpanija kollha u nforma lill-impjegati li kien hemm tmien postijiet li kienu gew rezi *redundant*, fosthom il-pozizzjoni ta' *financial controller*.

B'danakollu lanqas ma hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li l-appellant gie offert xoghol alternattiv ma' kumpanija ohra ta' l-istess Organizzazzjoni. L-appellant ighid li meta kellem lil Luke Coppini, dan qallu li kienu ser jaraw isibux xi pozizzjoni ohra ghalih fil-grupp u semmielu zewg pozizzjonijiet, wahda ta' *assistant chief accountant* li l-istess Coppini qallu li kien ihoss li l-appellant kien *over-qualified* ghaliha, u ohra bhala *financial controller* ma' lukanda li kienet ghadha progett. Luke Coppini kkonferma li lill-appellant kien offrielu pozizzjoni bhala *financial controller* ma' kumpanija li kienet se tmexxi lukanda fi kostruzzjoni. Pero` jirrizulta wkoll li ma saret l-ebda offerta bil-miktub lill-appellant u li s-salarju tieghu kien temporanejament se jonqoslu b'madwar Lm1,500.

Issa huwa veru li l-ittra ta' rizenja li kiteb l-appellant ma taghti l-ebda hjiel tar-raguni ghaliex huwa kien qieghed jirrizenja, u cioe` minhabba li l-pozizzjoni tieghu kienet se tigi reza *redundant* u li l-offerta li jinghata xoghol alternattiv b'salarju ridott ma kienx accettabbli ghalih. Ghall-kuntrarju fl-ittra tieghu rringrazzja lill-ufficjali ghall-ghajnuna u *support* li kien inghata. Meta l-appellant xehed, ma ta l-ebda spjegazzjoni ghaliex ma rreferiex ghall-preokkupazzjonijiet tieghu u l-Qorti lanqas se tipprova taghti xi spjegazzjoni hi salv li tikkummenta dak li huwa ovvju, cioe` li l-appellant xtaq izomm relazzjonijiet tajbin mal-kumpanija li kienet taghtu *"assistance and support"*. Dan ma jnaqqas xejn minn dak li jirrizulta kienet il-vera raguni ghaliex iddecieda li jirrezenja, u cioe` l-fatt li l-pozizzjoni tieghu kienet se tigi reza *redundant* u l-pozizzjoni alternattiva li giet offerta lilu, u dan biss verbalment, kienet tfisser tnaqqis sostanzjali fis-salarju tieghu.

I.T. Smith u J.C. Wood fil-ktieb taghhom **Industrial Law** (4th edition, Butterworths, p. 279) ighidu:

"*Although the theory behind constructive dismissal is that it is the employer who terminates the contract for statutory purposes, in practice it will usually be the employee wo takes the final step by resigning and walking out, thus showing that he has accepted the employer's repudiation*

*as concluding the contract. If the employee does not take such action, or does so after a delay, there is the danger (particularly in cases where the employer's conduct consists of a unilateral proposal to change the terms of employment) of this being construed as an agreement by the employee to a variation in the contract; if this is so there is no constructive dismissal, even if the employee later resigns. To avoid this danger, the employee should make up is mind quickly whether to leave, or, if his economic circumstances are such that he feels he has to continue working for a short period following the conduct in question, he should let it be known that he does not agree to that conduct and is working under protest*".

Steven D. Anderman, fil-ktieb **The Law of Unfair Dismissal** (2nd edition, Butterworths, p. 68) ighid:

"*An employer's duty to pay agreed remuneration is a fundamental obligation under the contract of employment. A failure to pay agreed wages, at the customary time or at all for any substantial period, or a unilateral reduction in the basic rate of pay, could be a sufficiently serious breach to amount to repudiation*" (sottolinear tal-Qorti).

Fil-kaz in ezami l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li si tratta ta' sitwazzjoni fejn is-socjeta` attrici appellata tahti ghall-*constructive dismissal* ta' l-appellant u li, galadarba ma setax b'hekk ikompli jipprovdi s-servizzi tieghu lill-Organizzazzjoni Mizzi, ma jistax jigi pretiz li jhallas lis-socjeta` attrici appellata s-somma minnha pretiza.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' April 2001 fl-ismijiet premessi, tichad it-talbiet attrici u konsegwentement tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------